



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 12.04.2017  
C(2017) 2354 finali

*Sur President,*

*Il-Kummissjoni tixtieq tiringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjonijiet Motivati tagħha rigward il-proposti tal-Kummissjoni għal Direttivi tal-Kunsill dwar Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva {COM(2016) 683 finali} u Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva {COM(2016) 685 finali} li hija tqis li ma humiex konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.*

*Il-Kummissjoni tieħu dawn il-preokkupazzjonijiet bis-serjetà u tilqa' din l-opportunità biex twieġeb. Qabel ma tindirizza l-punti speċifiċi tal-Opinjonijiet Motivati fid-dettall, madankollu, il-Kummissjoni tixtieq tagħmel xi rimarki ġenerali rigward il-kuntest politiku tal-proposti u l-konformità tagħhom mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.*

*Fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni li jakkumpanja kull waħda mill-proposti għal Bażi Komuni (Konsolidata) għat-Taxxa Korporattiva, il-Kummissjoni esponiet l-argumenti tagħha dwar għaliex l-oġettivi ta' dawn il-proposti ma jistgħux jinkisbu b'mod biżżejjed effiċjenti minn inizjattivi meħuda minn kull Stat Membru fuq bażi individwali. Il-Kummissjoni spjegat ukoll kif azzjoni madwar l-UE kollha tista' tindirizza b'mod aktar effettiv id-distorsjonijiet ta' natura transfruntiera li jistgħu jirriżultaw mill-interazzjoni tas-sistemi fiskali nazzjonali.*

*L-oġettivi li huma intenzjonati li jinkisbu bis-sistema proposta essenzjalment għandhom l-għan li jindirizzaw problemi li huma lil hinn minn Stat Membru wieħed u għalhekk jirrikjedu approċċ komuni. Il-proposti jirrispondi għall-ħtiġijiet ta' aktar tkabbir ekonomiku u ħolqien tal-impjiegi fis-suq intern kif ukoll fil-għlied kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Fl-opinjoni meqjusa tal-Kummissjoni, dawn l-isfidi ma humiex ta' attenzjoni domestika, iżda jqumu f'qafas transfruntier. Jiġifieri hija l-interazzjoni bejn is-sistemi tat-taxxa differenti li tiġġenera opportunitajiet għal abbuż jew li tiffaċilita t-teħid ta' vantaġġ mid-diskrepanzi fl-interazzjoni tar-regoli nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva.*


*Dr Anġlu FARRUGIA  
President tal-  
Kamra tad-Deputati  
Il-Palazz  
MT – VALLETTA VLT 1115*

*Il-Kummissjoni taqbel mal-Kamra tad-Deputati li l-politiki fiskali jikkostitwixxu qasam ta' politika ta' kompetenza kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Unjoni. L-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup> jipprovdi l-bażi legali għal miżuri tal-UE f'dan il-qasam, f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Huwa fuq din il-bażi li l-Kummissjoni adottat il-proposti għal tnedija mill-ġdid tal-Bażi Komuni (Konsolidata) għat-Taxxa Korporattiva bil-għan li jitjieb il-funzjonament tas-suq intern billi tnaqqas id-diskrepanzi marbuta mat-taxxa kkawżati minn diskrepanzi, sistemi ta' taxxa preferenzjali dannużi, tassazzjoni doppja u n-nontassazzjoni, sentenzi selettivi, u fehimiet li jiffavorixxu bil-kbir parti waħda. Kif spjegat hawn fuq, l-inizjattivi individwali mhux koordinati fil-livell nazzjonali ma jistgħux jilhqqu dawn l-objettivi. Għall-kuntrarju, x'aktarx li jkabbru d-diskrepanzi. Il-proposti jarmonizzaw il-bażi tat-taxxa korporattiva, li hija prerekwiżit għar-rettifika ta' distorsjonijiet identifikati fis-suq intern, iżda l-Istati Membri jibqgħu liberi li jiddeċiedu liema rata ta' tassazzjoni għandhom japplikaw għas-sehem mill-bażi li huma jkunni allokatu permezz tal-formula.*


*Bi tweġiba għall-kummenti aktar tekniċi fl-Opinjoni Motivata, il-Kummissjoni tixtieq tirreferi lill-Kamra tad-Deputati għall-anness mehmuż.*

*Il-Kummissjoni tittama li l-kjarifiki pprovduti f'din l-ittra jindirizzaw it-tħassib imqajjem mill-Kamra tad-Deputati u tinsab ħerqana li tissokta d-djalogu politiku tagħna fil-ġejjieni.*

*Dejjem tiegħek,*



*Frans Timmermans  
L-Ewwel Viċi President*



*Pierre Moscovici  
Membru tal-Kummissjoni*

<sup>1</sup> L-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE jistipula li “Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 114, il-Kunsill għandu, waqt li jaġixxi unanimament skond il-proċedura legiſlattiva speċjali u wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, joħroġ direttivi għall-approssimazzjoni ta' dawk il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li direttament jaffettwaw l-istabbiliment jew l-operazzjoni tas-suq intern.”, ĠU C 326, 26.10.2012, p. 95.

## ANNEX

*Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa kull waħda mill-kwistjonijiet imsemmija mill-Kamra tad-Deputati fl-Opinjoni Motivat tagħha u bi pjaċir toffri l-kjarifiki li ġejjin.*

### ***L-implikazzjonijiet għad-dħul mit-taxxa domestiku ta' Malta***

*Il-Kamra tad-Deputati esprimiet l-opinjoni li l-proposti inevitabbilment se jaffettwaw id-dħul mit-taxxa domestiku kif ukoll is-sistema fiskali ta' Malta. Barra minn dan, hija tikkritika l-konsolidazzjoni u l-apporzzjonament fl-influenza fuq is-sovranià nazzjonali fiskali u baġitarji. Hija indikat ukoll li xi aspetti tal-Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva bħal ma huma l-kumpens transfruntier tat-telf jistgħu jnaqqsu l-bażi tat-taxxa b'mod sinifikanti, li jwassal għal telf fid-dħul.*

*Il-Kummissjoni tixtieq tikkjarifika li, fin-nuqqas ta' dejta dettaljata dwar id-dħul attwali mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali, il-ġbir ta' evidenza kwantitattiva dwar l-impatti tal-Bażi Komuni (Konsolidata) għat-Taxxa Korporattiva fuq id-dħul nazzjonali individwali jkun partikolarment ta' sfida u jkun jirrekjedi l-użu ta' dejta kemm rappreżentattiva kif ukoll preċiża fil-kwantifikazzjoni tal-piż futur tat-taxxa.*

*Ta' min wieħed jispjega li l-verifika ta' sussidjarjetà skont l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea primarjament jiffoka fuq id-determinazzjoni tal-hteġa għall-promulgazzjoni ta' xi miżura prevista fil-livell tal-UE. minflok f'dak nazzjonali, sabiex jiġi żgurat li l-obiettivi previsti jkun jistgħu jintlaħqu. Dan mhux neċessarjament jinkludi li jittieħed kont ta' informazzjoni nazzjonali dettaljata ħafna minn kull Stat Membru. Madankollu, l-evalwazzjoni tal-impatt kif ukoll it-tliet studji esterni li ġew ippubblikati miegħu jipprovdu riżultati estensivi, speċifiċi għall-pajjiżi.*

*Il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-valutazzjoni tal-impatti ta' sistema tat-taxxa korporattiva transfruntiera, fejn ikun hemm aktar minn ġurisdizzjoni waħda involuta huwa minnu nnifsu eżerċizzju kkompikat. Fil-fatt, dan jista' jsir prinċipalment permezz ta' mudell li jgħaqqad flimkien id-dejta nazzjonali li toriġina f'sistemi differenti tat-taxxa korporattiva. Minkejja li l-eżerċizzju ta' mmudellar li sar kien wieħed mill-aktar avvanzati, jidher ċar li kull wieħed minn dawn il-mudelli jbati minnu nnifsu minn limiti inerenti. B'mod notevoli, dawn ma jistgħux jinkorporaw l-elementi kollha ta' proposta, inkluż xi wħud mill-elementi importanti li jiġġeneraw dħul, bħan-nuqqas ta' sistemi ta' taxxa preferenzjali fuq privati fil-bażi komuni tat-taxxa jew l-impatt tal-eliminazzjoni tal-possibbiltà li jitnaqqsu t-taxxi permezz ta' trasferiment tad-dejn. Barra mill-ħidma tal-Kummissjoni, il-Ministeri tal-Finanzi nazzjonali jistgħu wkoll jużaw il-mudelli u d-dejta dwar id-dħul mit-taxxa għad-dispożizzjoni tagħhom biex jikkumplimentaw l-analiżi pprovduta fil-valutazzjoni tal-impatt.*

*Il-Kummissjoni tixtieq ukoll tindika li l-għażliet baġitarji tal-Istati Membri normalment jiddependu fuq sensiela ta' fatturi, li l-kombinazzjonijiet possibbli kollha tagħhom ma jistgħux jiġu mmudellati u evalwati. Madankollu, l-impatt fuq id-dħul tal-Istati Membri mill-Bażi Komuni (Konsolidata) għat-Taxxa Korporattiva fl-aħħar mill-aħħar se jkun jiddependi fuq għażliet ta' politika nazzjonali fejn jidħlu l-adattamenti possibbli tat-taħlita ta' elementi ta' ġbir ta' dħul differenti. Għaldaqstant l-Istati Membri se jkollhom il-flessibbiltà kollha li jikkontrollaw l-impatt fuq id-dħul tat-taxxa.*

### **Element semiopzjonali**

*Il-Kamra tad-Deputati ssostni li gruppi bi dħul globali taħt il-limitu ta' EUR 750 miljun mhux biss ikollhom iħabbtu wieçhom ma' 28 sett ta' regoli differenti, iżda wkoll mal-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva u għalhekk jistgħu jsibu ruħhom f'diffikultà meta jagħżlu liema sistema tkun l-aħjar waħda għalihom biex japplikawha.*

*Il-kontribwenti korporattivi sa issa kienu qegħdin jisstrukturaw in-negozju tagħhom fl-UE abbażi tal-preżunzjoni li jkollhom ikunu konformi ma' sistema ta' taxa korporattiva differenti f'kull Stat Membru fejn huma jkollhom preżenza taxxabbli. Kieku l-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva kellha tkun waħda mill-opzjonijiet disponibbli għalihom, ma tkunx biss sistema addizzjonali mat-28 eżistenti, peress li tkun trid tiġi applikata għall-kumpaniji kollha bbażati fl-UE li jkunu parti minn grupp wieħed tal-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva. Minn dan isegwi li l-għażla għal gruppi 'l barra mill-ambitu mandatorju tal-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva tkun bejn li jżommu l-istatus quo attwali (jiġifieri jkomplu jistrutturaw in-negozju tagħhom fl-UE permezz ta' kombinazzjoni ta' sistemi tat-taxxa) jew inkella li jmorru għall-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva jiġifieri sett wieħed ta' regoli għall-operati kollha fl-UE. Il-possibbiltà li jinkiseb benefiċċju minn dan is-sett ta' regoli uniku għalhekk iġġib magħha simplifikazzjoni konsiderevoli.*

### **Piż amministrattiv addizzjonali fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa**

*Il-Kamra tad-Deputati tikkritika l-bażi komuni tat-taxxa għax titfa' piż addizzjonali fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa minħabba l-koeżistenza ta' ambitu mandatorju u opzjonali fil-proposti. B'hekk, l-Istati Membri jkunu mtaqqla għax ikollhom joperaw żewġ sistemi ta' taxa korporattiva b'mod parallel.*

*L-argument ta' simplifikar amministrattiv huwa relevanti l-aktar għall-kontribwenti u b'mod partikolari għal dawk b'attività transfruntiera fis-suq intern peress li huma se jingħataw l-opportunità li jħallsu l-obbligi tat-taxxa tagħhom permezz ta' sistema ta' taxa korporattiva unika. Fejn jidħlu l-amministrazzjonijiet, huwa inevitabbli li fl-ewwel snin wara l-introduzzjoni tal-Bażi Komuni tat-Taxxa Korporattiva jista' jkun li jkollhom jiddedikaw xi riżorsi addizzjonali għall-operat tagħha. Fuq perjodu medju, però, l-amministrazzjonijiet għandhom ikunu f'pożizzjoni li jibbenefikaw mit-tnaqqis fl-ammont ta' xogħol f'oqsma oħra, pereż. il-kompiti marbuta mal-konformità għall-ipprezzar tat-trasferimenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea.*

### **Proċeduri amministrattivi – l-interazzjoni mal-kontribwent prinċipali**

*Il-Kamra tad-Deputati tesprimi l-opinjoni li l-proposti joħolqu impressjoni ħażina li kull kontribwent se jkun qiegħed jaffaċċja amministrazzjoni tat-taxxa waħda. Fir-realtà, il-kumpaniji individwali xorta se jkollhom bżonn jinteraġixxu mal-kontribwent prinċipali, kemm fil-konsolidazzjoni kif ukoll matul il-verifiki.*

*L-approċċ “one-stop-shop” skont il-proposta tal-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva ifisser li grupp juża’ biss punt wieħed fl-Unjoni Ewropea biex jirriżolvi l-affarijiet tiegħu fejn tidħol taxxa u din hija l-hekk imsejħa awtorità tat-taxxa prinċipali, fejn ikun residenti għal skopijiet ta’ taxxa l-membri ewlieni tal-grupp li jkun ibbażat fl-Unjoni Ewropea. Inevitabbilment dan ikun jimplika li l-kumpaniji kollha li jkunu membri ta’ grupp tal-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva jinteraġixxu mal-membri “ewlieni” tal-grupp fejn jidħlu d-diversi materji mfissra fil-proposta.*

*Fil-fatt, dan għadu parti ta’ kif jaħdem l-approċċ “one-stop-shop”. Għalhekk, il-kontribwent prinċipali jibqa’ l-punt ta’ kuntatt ta’ grupp tal-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva mal-awtoritajiet tat-taxxa. Il-fatt li, fi ħdan il-grupp, il-kumpaniji individwali għandhom l-obbligu li jżommu kull dokument u kull prova, huwa primarjament marbut mal-konformità mal-kontabilità finanzjarja, mhux mimsus mill-proposta.*

### ***L-ebda eliminazzjoni tal-ipprezzar ta’ trasferiment***

*Bir-raġun, il-Kamra tad-Deputati tindika li l-formalitajiet tal-ipprezzar ta’ trasferimenti se jibqgħu fis-seħħ fil-każ ta’ relazzjonijiet ma’ impriżi assoċjati barra minn grupp wieħed, kemm fl-istess Stat Membru kif ukoll f’xi ieħor, jew barra mill-UE. Huwa wkoll ġust li dawn l-impriżi assoċjati jistgħu jkunu qegħdin japplikaw is-sistema tal-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva jew ma jkunux.*

*Il-Kummissjoni dejjem kienet ċara fis-sens li l-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva telimina l-ipprezzar ta’ trasferiment biss fi ħdan grupp wieħed u tabilħaqq, aħna ninsabu fiduċjużi li din il-faċilita tinvolvi ammont kbir fost l-għadd kumplessiv ta’ tranżazzjonijiet u negozjati li jkunu jistgħu jiġu eżaminati rigward konformità mal-ipprezzar ta’ trasferiment. L-eliminazzjoni tal-ipprezzar ta’ trasferiment fi ħdan gruppi, li hu waħda mill-vetturi ewlenin fejn jidħol it-trasferiment tal-profitti, ikollha impatt maġġuri fil-għlieda kontra l-evitar tat-taxxa korporattiva.*

### ***Ma hi meħtieġa l-ebda azzjoni ulterjuri kontra l-evitar tat-taxxa***

*Il-Kamra tad-Deputati tinsisti li ma hi meħtieġa l-ebda ħidma addizzjonali fil-għlieda kontra l-evitar tat-taxxa peress li hemm biżżejjed kontribut f’dan il-qasam bħala riżultat ta’ dak li rriżulta mill-Kodiċi ta’ Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi flimkien mad-Direttiva tal-Kunsill, reċentement adottata, li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta’ evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern <sup>2</sup> u l-proposta pendenti għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2016/1164 għar-rigward tad-diskrepanzi ibridi ma’ pajjiżi terzi<sup>3</sup>.*

*Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-istqarrija li ma hi meħtieġa l-ebda azzjoni ulterjuri kontra l-evitar tat-taxxa fil-livell tal-Unjoni. Il-Pjan ta’ Azzjoni tal-Kummissjoni ta’ Ġunju 2015 jistabbilixxi l-kuntest għad-Direttiva kontra l-prattiki ta’ evitar tat-taxxa u l-inizjattivi tal-Bażi Komuni (Konsolidata) tat-Taxxa Korporattiva. Id-Direttiva pprovdiet biss għal azzjoni immedjata sabiex jiġu ffaċċjati l-ħtiġijiet urġenti fi ħdan il-kuntest tas-sistemi tat-taxxa nazzjonali eżistenti. Il-Bażi Komuni (Konsolidata) tat-Taxxa Korporattiva se telimina d-*

<sup>2</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164, ĠU L 193, 19.7.2016, p.1.

<sup>3</sup> COM (2016)687 final.

diskrepanzi u t-toqob bejn is-sistemi nazzjonali li jiġu esplotjati minn dawk li jevitaw it-taxxa, inkluż bit-tneħħija tal-ipprezzar ta' trasferiment fi ħdan gruppi.

Barra minn dan, il-Bażi Komuni (Konsolidata) tat-Taxxa Korporattiva tistabbilixxi objettivi li wkoll jilhqqu lil hinn mill-azzjoni kontra l-evitar tat-taxxa: minnha nnifisha hija sistema ta' taxxa korporattiva sħiħa, mfassla biex ikollha dimensjoni transfruntiera u ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern. Tabilħaqq, aspett daqstant kritiku tal-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva jinvolti l-faċilitazzjoni tan-negozju, li bħala parti minnha l-iskema l-għdida tkun mistennija li tippromwovi t-ikabbir u twassal għall-ħolqien ta' impjiegi fis-suq intern. Safejn jidħol il-Kodiċi ta' Kondotta, huwa essenzjali li jiġi enfasizzat li filwaqt li dan il-grupp għamel kontribut importanti biex jiġu eliminati s-sistemi tat-taxxa dannużi, huwa ma jgħaddix liġijiet vinkolanti li jistgħu jiġu infurzati.

### **It-tqassim skont formula speċifika jgħolq distorsjoni**

Il-Kamra tad-Deputat ippreżentat l-opinjoni li l-istruttura tal-formula tiffavorixxi s-setturi ekonomiċi li jinvolve xogħol intensiv filwaqt li jiġu ppenalizzati l-ekonomiji ta' daqs limitat b'rati ta' produttività għolja u attivitajiet ta' valur miżjud għoli.

Il-Kummissjoni ma tikkondividix l-opinjoni li l-apporzzjonament skont formula jkollu effett ta' distorsjoni. Għandu jitfakkar li l-Kummissjoni, fl-għażla ta' fatturi formularji għall-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, ibbażat il-proposta tagħha fuq metodoloġija ppruvata. Dawn it-tliet fatturi li jingħataw l-istess piż (l-assi, ix-xogħol u l-bejgħ skont id-destinazzjoni) jikkostitwixxu l-hekk imsejħa "formula ta' Massachusetts", li ċerti Stati fl-Istati Uniti ilhom jużaw – f'diversi varjazzjonijiet – sa mill-bidu tas-seklu għoxrin, għall-fini tal-imposta tal-Franchise Tax (jiġifieri taxxa fuq il-qliġ mill-kummerċ fil-livell ta' Stat). Qabel il-proposta tal-2011, il-Kummissjoni mmudellat kombinazzjonijiet u piżijiet differenti tal-fatturi tal-formula u r-riżultati wrew biċ-ċar li l-kombinazzjoni proposta tat-tliet fatturi ta' piż indaqs toffri l-aħjar soluzzjoni. Instab li din l-iskema toffri l-aktar riżultati għusti u li dawn huma l-aktar reżiljenti kontra attentati ta' manipolazzjoni u ta' prattiki ta' evitar tat-taxxa.

L-allokazzjoni tal-profitti permezz ta' din il-formula x'aktarx li tiggarrantixxi mod aktar effiċjenti ta' allokazzjoni tal-profitti fi ħdan grupp integrat li jopera f'suq uniku, meta mqabbel ma' metodoloġiji tradizzjonali ta' ipprezzar ta' trasferimenti. Dan huwa għaliex il-fatturi jkollhom relevanza diretta għall-ekonomija reali peress li huma marbuta mal-elementi kruċjali li jiġġeneraw qliġ f'kumpanija: assi, persunal u bejgħ.

Il-Kummissjoni tagħraf li l-formula tiffoka fuq elementi li mhumiex faċli li jinqalbu bejn ġurisdizzjoni u oħra, b'tali mod li l-formula tista' tibqa' qawwija u reżiljenti kontra manipolazzjonijiet ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Madankollu, huwa wkoll minnu li, fl-ekonomiji moderni, l-assi intanġibbli għandhom parti dejjem aktar importanti fil-ġenerazzjoni tal-profitti. Meta tqis dan, il-Kummissjoni tixtieq tikkjarifika li għalkemm l-assi intanġibbli mhumiex inklużi fil-fattur tal-assi tal-formula, lanqas ma huma injorati. B'mod speċifiku, l-assi intanġibbli jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jkun neċessarju li jiġi żgurati li l-Istat(i) Membru/i li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' dawk l-assi intanġibbli (pereżempju, permezz tal-għoti ta' tnaqqis għar-riċerka u l-iżvilupp) ikunu jistgħu sussegwentement jiksbu dritt ta' intaxxar fuq il-profitti ġġenerati minn tali assi b'suċċess. Il-Kummissjoni għadha

*fiduċjuża li t-tqassim skont il-formula kif propost huwa xieraq u ġust, u li jista' joffri soluzzjonijiet sodisfaċenti għal ħafna mill-kumplikazzjonijiet ta' bħalissa meta jiġu attribwiti l-profitti fost l-Istati Membri.*

### ***Il-proposta ma teskludix żieda fil-kompetizzjoni tat-taxxa***

*Il-Kamra tad-Deputati ppreżentat l-opinjoni li l-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva ma teskludix il-possibbiltà ta' żieda fil-kompetizzjoni tat-taxxa peress li l-Istati Membri xorta x'aktarx li jirrikorru għal tnaqqas fir-rati ta' tassazzjoni sabiex jattiraw investment barrani.*

*Fejn ikun hemm bażi ta' taxxa armonizzata, ikun hemm it-tendenza li l-kompetizzjoni tat-taxxa tkun trasparenti u mingħajr elementi dannużi mistura. Dan huwa għaliex ir-rati nazzjonali nominali u effettivi jkunu bejn wieħed u ieħor jikkoinċidu. F'termini ta' impatt fuq id-dħul nazzjonali mit-taxxa, żieda ipotetika ta' kompetizzjoni fejn jidħlu rati ta' tassazzjoni jkollha effett kumparabbli ma' interventi li jillimitaw l-ambitu tal-bażi tat-taxxa, filwaqt li tal-aħħar joħolqu opportunitajiet għal ippjanar aggressiv tat-taxxa u għall-evitar tat-taxxa. Il-kompetizzjoni purament fuq il-bażi ta' rati ta' tassazzjoni fuq l-isfond ta' bażi armonizzata tkun aktar trasparenti, meta mqabbel mas-sitwazzjoni preżenti. L-eliminazzjoni ta' opportunitajiet ta' evitar tat-taxxa isaħħaħ ukoll il-fiduċja taċ-ċittadini fil-mod kif il-kumpaniji jiġu ntaxxati u jiġi żgura li jkun hemm ekwita bejn in-naħat kollha fis-suq intern.*

### ***Il-proposta titfa' piżijiet addizzjonali amministrattivi fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa***

*Il-Kamra tad-Deputati ppreżentat il-veduta li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jkollhom jikkooperaw bis-siħ u jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom sabiex ikun hemm kontroll fiskali, u dan jitfa' piżijiet amministrattivi addizzjonali fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa.*

*Għandu jiġi kkjarifikat li l-argument ta' simplifikar amministrattiv huwa relevanti l-aktar għall-kontribwenti u b'mod partikolari għal dawk b'attività transfruntiera fis-suq intern peress li huma se jingħataw l-opportunità li jħallsu l-obbligi tat-taxxa tagħhom permezz ta' sistema ta' taxxa korporattiva unika. Fejn jolqot l-amministrazzjonijiet tat-taxxa, huwa inevitabbli li fl-ewwel snin wara l-introduzzjoni tal-Bażi Komuni (Konsolidata) tat-Taxxa Korporattiva jista' jkun li jkollhom bżonn ta' riżorsi addizzjonali, iżda fuq perjodu medju, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa għandhom ikunu f'qagħda li jibbenefikaw mit-tnaqqis fil-piż tax-xogħol marbut mal-konformità tal-ipprezzar tat-trasferimenti fi ħdan l-UE.*